MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2006

Numru 890/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**STEPHEN ZAHRA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **STEPHEN ZAHRA** ta' wiehed u tletin sena, bin Joseph u Miriam nee mhux maghruf, imwieled l-Kanada nhar t-tmienja ta' Settembru 1968 u residenti 'Redeemer', Triq Merhba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 512786M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F'xi hin bejn t-tmienja w nofs ta' filghaxija tal-ghaxra ta' April 1997 w id-disgha w kwart ta' filghodu tal-hdax ta' April 1997, waqt li kien Haz Zabbar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus, liema serq hu

kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin ghad-dannu ta’ Horace Grech minn Haz Zabbar;

2. Talli f’xi hin bejn t-tmienja w nofs ta’ filghaxija tal-ghaxra ta’ April 1997 w id-disgha w kwart ta’ filghodu tal-hdax ta’ April 1997, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-valur ta’ hames mitt lira maltin u li saret ghad-dannu ta’ Horace Grech minn Haz Zabbar;

3. Talli fl-istess data u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna lil hati jhallas l-ispejjes peritali ta’ din l-kawza ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta’ April 2005 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 258].

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sebgha ta’ Settembru 2005 [fol 263].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Sviour Demicoli nhar s-sittax ta’ Frar 1998 [fol 5 et seq tal-atti], l-fedina penali tal-imputat [fol 182] w is-sentenza moghtija mill-allura Magistrat Dottor Godwin Muscat Azzopardi moghtija nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 1990 [fol 199] fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tal-Prosekuzzjoni ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tnejn ta' Mejju 2006 [fol 278] kif wkoll n-nota responsiva tad-Difiza ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbatax ta' Awissu 2006 [fol 288].

Ikkunsidrat;

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2000, **xehed l-Ispettur Walter Spiteri** [fol 54] fejn qal li fil-hdax ta' April 1997 kien gie nfurmat mis-Surgent 831 Lawrence Bordieri li kienet sehhet serqa mill-fond bl-isem "Orbietto Saloon", sitwat fi Triq Labour, Haz Zabbar wara li kien ircieva rapport minghand sid l-hanut in kwistjoni, certu Horace Grech. Fuq dan r-rapport huwa ghalhekk mar fuq il-post fejn stabilixxa li kien sar sgass minn tieqa tal-aluminium fil-gemb tal-hanut li kienet gholja cirka erbgha filati u min dahal, kien seraq diversi affarijiet, wettaq xi hsarat u sahansitra x'aktarx anke kkonsma xi xorb alkoholiku li kien hemm fil-hanut. Qal li hu kien informa lil Magistrat tal-Ghassa, Dottor Saviour Demicoli, li zamm inkjesta magisterjali. Qal li sussegwentement kienu nstabu x'impronti digitali fuq il-post u ghalhekk kienu ttiehdu l-impronti digitali tal-imputat sabiex tkun tista ssir komparazzjoni bejn t-tnejn.

In kontr'ezami, meta mistoqsi jekk lil imputat kienx kellmu, x-xhud wiegeb li hu kien kellmu fl-istadju tal-inkjesta biss meta ittehdulu l-*finger prints*. Qal li hu statement ma hadlux ghaliex lanqas suspett fih ma kellu. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument WS 1 [fol 57 et seq].

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2000, **xehed l-Ispettur Carmelo Bartolo** [fol 58] fejn qal li kien nhar l-hdax ta' April 1997 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu meta certu Horace Grech, proprjetarju ta' "Orbietto Saloon" sitwat f'Labour Road, Zabbar, kien ghamel rapport li kien ghadu kif stabbilixxa li persuna jew persuni mhux maghrufa kienu kisbu access fis-saloon tieghu msemmi minn fejn serqu xi affarijiet bhal kosmetici u oggetti ohra relatati ma kura tax-xaghar u ghamlu xi hsara

fl-istess *saloon*. Minn stharrig preliminari li ghamlet il-pulizija rrizulta li l-access inkiseb billi tkissret hgiega ta' tieqa tal-aluminium. Irrizulta wkoll li saret hsara voluntarja fil-hanut bhal grif fuq l-ucuh tal-bank tal-kaxxier, fis-sedili u gie mxerred xi likwidu alkoholiku u anke kien inxtorob xorb alkoholiku fl-istess hanut. Irrizulta wkoll li kien hemm diversi fliexken tal-hgieg mkissra u kien hemm sgass fil-*coin box*. Irrizulta wkoll li kienu tpejjpu diversi sigaretti fl-istess hanut waqt t-twettieq ta' dan r-reat u kien hemm tracci ta' bicciet ta' *cake* jew dolcerija li kienu wkoll gew ikkunsmati fl-imsemmi hanut.

Ix-xhud kompla jghid li hu tkellem mad-derubat li stqarr mieghu li hu ma kien halla xejn minn dawk l-irregolaritajiet li nstabu fil-hanut tieghu ghaliex kien halla kollox f'postu minghajr ebda hsara. Kompla jghid li d-derubat stqarr mieghu li kien sab tmenin lira neqsin mill-*cash register* tieghu, xi *HiFi equipment*, ammont ta' *compact discs*, kif wkoll affarijiet kosmetici li ghandhom x'jaqsmu max-xaghar neqsin wkoll. Id-derubat kien stqarr mieghu wkoll li ma kienx jaf l-ammont ta' flus li nsterqu mill-*phone box*. Qal li d-derubat ma kellu suspett f'hadd u li kien kien ra l-fond tieghu l-ahhar intatt nhar l-ghaxra ta' April 1997 ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija u li kien hu li sabu sgassat u bil-hsara msemmija l-ghada l-hdax ta' April 1997 ghal xi d-disgha w kwart ta' filghodu. Stqarr mieghu li l-fond kien kopert b'polza t'assikurazzjoni li tkopri dawk l-incidenti.

Ix-xhud zied jghid li fil-kors tal-investigazzjoni hu hass l-bzonn li jibghat ghal imputat u wara li tah s-solita twissija, l-imputat cahad verbalment li huwa kien responsabbli ghal din s-serqa u hsarat u li b'xi mod jew f'xi hin dahal fil-fond in kwistjoni, pero meta rrilaxxja l-istqarrija, huwa ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu. Ix-xhud esibixxa din l-istqarrija bhala dokument WS 2 [fol 64] li ghaliha kien xhud PS 562 Anthony Portelli. Ix-xhud gharaf fuq l-imsemmija stqarrija kemm il-firma tieghu u dik ta' PS 562 Anthony Portelli u li l-istess imputat ghazel li ma jiffirmax. Qal li aktar tard talab lil Magistrat Inkwerenti sabiex jittiehdu l-impronti digitali tal-imputat sabiex isiru l-komparazzjonijiet necessarji u meta dawn ittiehdu, rrizulta

li kien hemm xi impronti digitali tal-imputat li qablu ma dawk mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt w ghalhekk inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-imputat odjern.

Nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003, [fol 197] l-**Ispettur Carmelo Bartolo esibixxa** w kkonferma bil-gurament sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern bhala prova tal-akkuza tar-recidiva, liema sentenza tinsab esibita bhala dokument WS 6 a fol 199 tal-atti odjerni.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2000, **xehed PS 562 Anthony Portelli** [fol 66] fejn meta gie muri l-istqarrija dokument WS 2, ikkonferma li giet maghmula voluntarjament mill-imputat wara li gie moghti s-solita twissija. Gharaf fuqha kemm il-firma tieghu kif wkoll dik tal-Ispettur Carmelo Bartolo filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi li sarulu.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2000, **xehed Horace Grech** [fol 68] fejn qal li guvni li jahdem mieghu, certu Charles Falzon kien cempillu ghand ommu filghodu u qallu li l-bieb tal-hanut kien sgassat u kien hemm kollox imkisser, kollox misruq u ghalhekk hu mar mill-ewwel fuq il-post. Qal li meta wasal fuq il-post sab kollox imkisser prodotti u fliexken, siggijiet bis-*seats* tal-gilda imqatta bl-imqass, *left overs* tas-*shampoo* mal-hitan. Qal li kien qisu sploda xi haga fil-hanut. Qal li t-telefon kien sgassat u hadu l-flus mill-*coin box* tieghu. Zied jghid li l-*vertical blinds* kienu mqattghin wkoll. Qal li kellu b'xi elf u hames mitt lira f'oggetti misruqa. Kompla jghid li kellu diversi oggetti misruqa w distrutti bi hsara estensiva. Qal li peress li xi xhur qabel kienu serquhom, ma kienx izomm flus hemmhekk. Kompla jghid li hu kien thallas mill-kumpanija assikuratrici.

Ikkonferma li hu l-ahhar darba li ra l-post tieghu ntatt kien jum t-tnejn ghal habta tas-sitta jew s-sitta w nofs ta' filghaxija meta kien ha xi hlewwiet li jhalli fil-hanut ghal klijenti tieghu. Qal li filghodu x'hin mar fil-hanut sab li dawn il-hlewwiet kien sar disastru minnhom. Qal li sab anke fliexken imkissra fil-hanut. Mistoqsi jekk jafx li l-

imputat qattx mar fil-hanut tieghu, x-xhud wiegeb li huwa mpossibbli li jiftakar n-nies kollha li jidhlu fil-hanut tieghu.

In kontro'ezami qal li fl-ewwel serq li sofra f'April 1997, ma kienx thallas mill-*insurance* filwaqt li fit-tieni darba kien thallas xi elf u hames mitt lira maltin. Qal li fuq il-post kien mar *surveyor*. Qal li l-*insurance* ma kienetx tkoprih fuq flus u hwejjeg personali pero l-Hi Fi kien kopert b'*insurance* u kien thallas tieghu. Ix-xhud esibixxa diversi dokumenti [fol 85 et seq tal-atti].

Illi nhar l-ghaxra ta' Mejju 2000, **xehed Robert Cardona** [fol 108] fejn ikkonferma r-relazzjoni minnu redatta dwar l-inkjesta dwar serq mill-fond bl-isem "Orbietto Saloon", sitwat f' Labour Road, Zabbar nhar l-hdax ta' April 1997.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2000, **rega' xehed Robert Cardona** [fol 113] fejn qal li s-scene of the crime officer PC 644 Evan Camilleri kien ghaddielu tlett loqom ta' sigaretti li ngabru minn fuq ix-xena tad-delitt u zewg *blood swabs* nhar l-hdax ta' April 1997 u mill-analizi li ghamel fuqhom hariglu *blood Group* O kemm mill-loqom tas-sigaretti, mis-saliva u kemm mid-demm li ghaddielu. Meta gie muri rapport a fol 21 tal-process huwa kkonferma l-kontenut tieghu.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2000, **xehed PC 673 Joseph Mallia** [fol 115] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 48 tal-atti.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2000, **xehed PC 1336 Jesmond Micallef** [fol 116] fejn ikkonferma r-relazzjoni konguntiva maghmula minnu u PC 644 Evan Camilleri [fol 44] fl-atti tal-inkjesta dwar serq u hsara voluntarja fil-fond "Orbietto Saloon", sitwat f'Labour Road Zabbar.

Illi nhar l-hamsa ta' Settembru 2000, **xehed PS 831 Lawrence Bordieri** [fol 124] fejn qal li nhar l-hdax ta' April 1997 ghal habta tad-disgha w nofs kien gie nfurmat mill-ghassa ta' Haz Zabbar li kienet saret serqa mill-fond bl-isem "Orbietto Saloon" sitwat f'Labour Road, Zabbar

ghad-dannu ta' Horace Grech. Qal li hu mar fuq il-post fejn innota hafna taqlib u li kien hemm tieqa gholja xi hames piedi mill-art li kienet imkissra. Qal li kien gie allegat li kienu nsterqu xi oggetti mis-saloon in kwistjoni. Qal li hu nforma b'dan lil Ispettur Walter Spiteri li zamm inkjesta minn naha tieghu. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument WS 4 [fol 126 tal-atti].

Illi nhar t-tnax ta' Frar 2001, **xehed PC 644 Evan Camilleri** [fol 137] fejn ikkonferma r-relazzjoni konguntiva maghmula minnu u PC 1336 Jesmond Micallef [fol 44] fl-atti tal-inkjesta dwar serq u hsara voluntarja fil-fond "Orbietto Saloon" sitwat f'Labour Road Zabbar w ikkonferma li l-*lifters* esibiti fir-relazzjoni gew mehuda minhom.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 1999, fl-atti tal-inkjesta, l-Magistrat tal-ghassa Dottor Saviour Demicoli, kien innomina lil Joseph Bongailas bhala espert tal-impronti digitali sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati minn fuq x-xena tad-delitt minn PC 644 Evan Camilleri u PC 1336 Jesmond Micallef u l-impronti digitali tal-imputat Stephen Zahra meduha minn PS 673 Joseph Mallia [fol 44].

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2002, **xehed Joseph Bongailas** [fol 185] fejn ikkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu a fol 51 tal-atti markat bhala dokument JB. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni x'kienu l-konkluzzjonijiet tieghu f'dan r-rapport x-xhud wiegeb li kien rizultat posittiv. Spjega li huwa kien irtira mill-atti tal-inkjesta relattiva ghal dan il-kaz u cioe nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 1999, l-*lifters* li kienu gew ppresentati minn PC 644 Evan Camilleri u l-*finger prints* mehuda minn ex PS 673 Joseph Mallia nhar d-dsatax ta' Frar 1999 u ghamel ezami komparattiv fuqhom. Irrizultalu li s-saba l-kbir tal-id l-leminija tal-imputat Stpehen Zahra jaqbel mal-*lifter* li gie elevat minn fuq in-naha ta' barra tal-hgiega miksura tat-tieqa li minnha x'aktarx sar d-dhul [dokument 97 AUC 301 – fol 38]; li s-saba l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat jaqbel wkoll mal-*lifter* li gie elevat minn fuq in-naha ta' barra tal-

hgiega tan-nofs tat-tieqa li minnha x’aktarx sar d-dhul [dokument 97 AUC 302 – fol 38]; illi s-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-imputat jaqbel mal-*lifter* li gie elevat minn fuq in-naha ta’ barra tal-hgiega tan-naha tal-lemin tat-tieqa li minnha x’aktarx li sar d-dhul [dokument 97 AUC 303 – fol 38].

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2002, **xehed l-Perit Richard Aquilina** [fol 189] fejn ikkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu a fol 13 tal-atti.

Illi l-imputat ma xehedx kif kellu kull dritt li jaghmel pero meta fl-istqarrija gie mistoqsi jekk qattx dahal fis-*saloon* bl-isem “Orbietto Saloon” sitwat f’Labour Road Zabbar, dan ghazel li ma jwegibx w ghalhekk spjegazzjoni ta’ kif l-impronti digitali tieghu setghu nstabu fil-hanut in kwistjoni, ma tax.

Illi ghalhekk jirrizulta minnufih li l-prova tal-prosekuzzjoni f’dan il-kaz hija wahda xjentifika u cioe dik ta’ *match* fil-*finger prints* u mhux xi prova ta’ xi xhud okulari.

Ikkunsidrat:

Is-success fl-impronti digitali ghar-rizultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti f’dan il-kaz, Joseph Bongailas. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti, f’dan il-kaz minn PS 673 Joseph Mallia, u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impronti digitali irid jittiehed b'mod trasparenti, ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena *deciza fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1996.*** Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri** ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Magistrati*** fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija v Victor Gatt** ***nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999***. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li il-kaz tal-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-*whisky* u xejn aktar.

Din il-Qorti taqbel ma din s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero din is-sentenza ma tfissirx li l-prova ta' *fingerprints* wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija ***fit-tletin ta' Gunju, 1998*** fl-ismiijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri** gie deciz li:

"*F'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza*."

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan (3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )*** gie deciz li:

"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Peress li din il-kawza si tratta fuq sejba t'impronti digitali f'tieqa li taghti ghal hanut, jinhtieg li ssir referenza gha-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija v Anthony Abela** fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xrob, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints*."

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-*fingerprints* misjuba ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu ***Forensic Medicine*** [6th Edition pagna 19] u cioe:

"*Francis Galton estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"

Il-Qorti tosserva li fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismiijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra:**

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova* <u>*wahda*</u> *jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 1982*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ,** dik il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-*shutter* tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak is-*shutter*.

Hawnhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghaliex instabu xi tas-swaba tal-imputat fuq t-tieqa li x'aktarx minnha sar access illegali ghal hanut. Issa meta l-imputat gie mistoqsi jekk qattx dahal fil-hanut peress li dan huwa pubbliku, huwa ghazel li ma jaghtix risposta. Allura l-Qorti tistaqsi, kif setghu waslu hemm dawn il-marki tas-swaba ? Dan ma hux fatt li l-marki nstabu fuq xi flixkun tax-xorb jew ikel li jimxi minn hanut ghal iehor, izda proprju fuq il-"*fixtures tal-hanut li huma mwaqqfa fil-fond.*"

Ghalhekk il-Qorti thoss li din l-prova wahedha hija wahda li tikkonvinciha sabiex tasal li ssib lil imputat hati tal-akkuzi.

Il-Qorti tinnota li din il-kawza ilha pendenti ghal kwazi ghaxar snin ghalkemm giet assenjata lilha fid-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2003 [vide fol 208].

Illi pero minn ezami tal-atti, ghalkemm saru diversi rinviji mill-Avukat Generali minn dakinhar tad-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2003 sas-sebgha ta’ Settembru 2005, ma gie registrat ebda progress ghaliex l-imputat qatt ma kien gie notifikat.

Nhar s-sebgha ta’ Settembru 2005, kien deher l-imputat assistit mill-avukat difensur tieghu u l-kawza kienet giet differita ghal provi tad-difiza ghad-dsatax ta’ Ottubru 2005 pero minn dakinhar ‘l quddiem, gieli kien jidher l-imputat

assistit, gieli kien jidher l-imputat wahdu, u gieli l-ufficjal prosekutur, u darament kienu jidhru l-ufficjal prosekutur, l-imputat u l-avukat difensur flimkien w ghalhekk fis-seduta tat-tlieta ta' April 2006, din il-Qorti kienet iddiferiet l-kawza ghas-sentenza bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu n-noti taghhom.

Illi zgur li dan d-dewmien kollu mhux attriwibbli lil Qorti.

Il-Qorti qrat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tnejn ta' Mejju 2006 [fol 278] kif wkoll n-nota responsiva tad-difiza ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbatax ta' Awissu 2006 [fol 288] u bir-rispett kollu ma taqbel xejn ma dak li gie rilevat mid-difiza fin-nota responsiva taghha u cioe fl-ewwel lok, li l-Magistrat tal-ghassa li jikkonduci l-inkjesta, mhux Qorti u fit-tieni lok li l-esperti nominati fl-inkjesta ma gewx konfermati mill-Magistrat li kien qed jisma l-kumpilazzjoni.

Dwar l-ewwel sottomissjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal artikolu 554(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li l-Magistrat tal-ghassa ghandu l-istess funzjonijiet ta' Qorti Istruttorja.

Fil-fatt dan l-artikolu jipprovdi li:

*554(3) "F'kull procedura taht dan t-Titolu, l-Magistrat ghandu jkollu l-istess setghat u privileggi ta' Magistrat li jippresjedi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja."*

Ghalhekk, dak sollevat mid-difiza f'dan r-rigward, ma jreggix.

Dwar t-tieni sottomissjoni, il-Qorti tistieden lil istess difiza tara sewwa l-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2000 [fol 2] fejn hemm indikat li l-Qorti kif kienet preseduta mill-Magistrat Dottror Carol Peralta, ikkonfermat l-hatra tal-esperti nominati w ghalhekk, dak sollevat mill-istess difiza ma hux minnu.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat [fol 182] u minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-imputat diga tressaq l-Qorti w instab hati f'sitt okkazzjonijiet fuq akkuzi ta' pussess ta' droga, fuq diversi serqiet u fuq xi akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku u dan bejn s-sena 1990 w is-sena 1998, meta gie kkundannat prigunerija w inghata probation.

Illi l-Qorti ghalhekk thoss li l-akkuzi odjerni huma serji, molto piu meta tqis l-*quantum* tal-hsara voluntarja li giet kagjonata mill-imputat, una volta ottjena d-dhul fil-fond derubat, liema hsara ma kellhiex x'taqsam sabiex ottjena d-dhul.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat m'ikkopera xejn mal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti, ma tqis d-dewmien f'dan il-kaz, li mhux attribwibbli ghal Qorti. bhala fattur mitiganti sabiex tkun klementi mieghu fl-ghoti tal-piena.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 280, 281, 325, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat STEPHEN ZAHRA tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddecidi li <u>tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tmintax [18] il-xahar.</u>**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Richard Aquilina [fol 15], Robert Cardona [fol 21], PC 644 Evan Camilleri u PC 1336 Jesmond Micallef [fol 42A] u Joseph Bongailas [fol 51] fl-ammont komplessiv ta' mitejn sebgha w erbghin lira u erbgha w sebghin centezmu [LM 247.74] u dan fi zmien tlett [3] xhur u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------